# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM

**Rikors Kostituzjonali Nru.: 42/2016 MH**

**Illum, 16 ta' Frar, 2022**

**Francis Cachia Caruana (K.I. Nru 278471M)**

**vs**

**(1) L-Awtorita' tal-Ippjanar**

**(2) L-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi**

**(3) L-Avukat tal-Istat ġia Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrent Francis Cachia Caruana tal-4 ta' Mejju 2016** permezz ta' liema ġie premess u mitlub –

*Jesponi bir-rispett:*

*Illi r-rikorrenti huwa l-propjetarju flimkien ma ohrajn ta sehem indiviz fi kwota ta' 17/880 tal-art bl-isem Tal-Qallelija fil-limiti tar-Rabat;*

*Illi art adjacenti hija mwellija lil Carmelo Micallef u Gordon George Micallef:*

*Illi dan tal-ahhar darba fost l-ohrajn kien saqsa lill-esponenti jekk kienx isib oggezzjoni li jimtlew toqob li kien hemm fit-trejqa tal-moghdija li hemm gewwa l-art propjeta tal-esponenti li taghti ghar-raba mqabbla ghandhom.*

*Illi ftit taz-zmien wara l-esponenti kien gie kkuntatjat minn Gordon George Micallef fejn kien qallu illi kienu gew tal-Mepa fuq il-post minhabba illi Carmelo Dimech, il-persuna li kien dan Gordon George Micallef apparentement qabbad sabiex jimla l-hofor kien tefa xi materjal fuq l-art;*

*Illi meta kienu regghu marru tal-Mepa fuq il-post l-esponenti kellem lil tal-Mepa u l-enforcement officer filwaqt li kiteb lil Mepa u lil Carmelo Dimech permezz ta ittra bl-avukat sabiex jirregolaw ruhhom;*

*Illi l-esponenti ha azzjoni immedjata sabiex iwaqqaf ir-rimi ta terrapin billi qabbad kuntrattur sabiex jimblokka l-access ghal art in kwistjoni;*

*Illi l-Awtorita Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar sussegwentement fit-13 ta' Marzu 2009 nnotifikat lill-esponenti b'Avviz biex Tieqaf u ta Twettieq ECF477/09 fejn fiha kien infurmat lir-rikorrenti illi kellu zvilupp minghajr permess li kien jikkonsisti fid-depozitu u twittija ta' materjal inert fuq art skedata;*

*Illi permezz ta'dan l-Avviz l-Awtorita obbligat lill-esponenti sabiex fi zmien 16-il jum iwaqqaf kull zvilupp u jipprezenta applikazzjoni dwar ix-xogholijiet li jehtieg li jsiru;*

*Illi sadanittant il-Pulizija kienet bdiet tinvestiga l-kaz u mill-interogazzjonijiet li hija ghamlet hargu s-segwenti fatti:*

(1) *Illi l-esponenti ma kellux gharfien illi kien qieghed jitrema terrapin jew xi materjal iehor fuq l-art in kwistjoni*
(2) *Illi Carmelo Micallef u Gordon George Micallef kieu qabdu lil Carmelo Dimech, kuntrattur, sabiex jitfa terrapien fit-trejqa tal-moghdija li tinsab gewwa l-art tar-rikorrenti*
(3) *Illi wara illi sar dan ix-xoghol, Carmelo Dimech beda jarmi b'mod regorali terrapin u materjal iehor fl-art skedata*

*Illi l-Pulizija hadet proceduri kontra Carmelo u Gordon George Micallef izda l-Qorti tal-Magistrati lliberathom mill-akkuzi migjuba kontrihom. Il-Pulizija istitwit wkoll*

*proceduri kcriminal kontra Carmelo Dimech izda dan gie lliberat minhabba nuqqas ta provi hekk kif Carmelo Micallef u Gordon George Micallef ma tharrkux sabiex jaghtu x-xhieda taghhom .*

*Illi l-esponenti hassu aggravat bl-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq u ghaldaqstant appella minn dik id-decizjoni ai termini tal-Artikolu 52(9) tal-Kap.356;*

*Illi l-aggravji tar-rikorrenti kienu s-segwenti:*

1. *"My clients have not effected or authorised the dumping of inert waste on their land and have only been made aware of such dumping on the issue of the enforcement notice.*
2. *My clients have investigated the matter and it appears that the waste has been dumped by a certain Carmelo Dimech and Carmelo and Gordon Micallef. The attached copies of the letters dated 16th March 2009 refer and contain all the relevant details.*
3. *My clients have been severely prejudiced by the issue of the enforcement notice as their property has been encumbered with this order when they had absolutely no knowledge of the dumping and cannot consequently be expected to spend thousands of Euro to clear the dumped waste and bring back the site to its original state as ordered in the enforcement notice.*
4. *The enforcement notice and its consequences unless revoked is penal and punitive in nature and my clients cannot be held answerable for actions they have neither committed nor authorised and of which they had no knowledge."*

*Illi l-Aworita ta Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kkontestat l-appell tar-rikorrenti billi eccepiet:*

*"Illi l-istess avviz inhareg fit-13 ta' Marzu 2009, kontra unknown owner/occupier (skond il-ligi) stante li kien hem zvilupp li jikkonsisti minn depozitu w twittija ta' materjal inert fuq art skedata;*

*Illi bl-istess avviz jinghad li mhux qed 'jitfa' izda li 'ghandu' u l-istess Awtorita' obbligata li tohrog l-avviz kontra anki s-sidien stante eventwalment l-istess spejjez*

*f'kaz ta' direct action skond il-Kap 356, iridu jingabru mis-sid, li jibqghalu pero' dritt li jigi risarcit billi jfittex ili mim okkupalu l-art u ghamel l-izvilupp illegali fuq l-art tieghu.*

*Meta l-istess Awtorita' saret taf min hu s-sid, inhareg ukoll kontrih (l-appellant prezenti) f'ismu.*

*Illi waqt li mhux ikkontestat minnu li kien hem zvilupp illegali, l-istess avviz inhareg kemm fattwalment korrett, kif ukoll legalment korrett, u l-istess avviz ghaldaqstant ghandu jigi kkonfermat u l-appell michud."*

*Illi permezz ta decizjoni fl-ismijiet* ***Francis Cachia Caruana vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjannar*** *datata 30 ta' lulju 2013 it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ddecieda:*

> *"Hi l-opinjoni kunsidrata ta' dan it-Tribunal li meta l-Awtorita' jirrizultalha li s-sid hu perfettament estranju ghall-illegalita', f'dak il-kas m'ghandhix tohrog avviz fuq is-sid, izda fuq l-okkupant jekk jirrizulta li dan kien responsabbli ghall-illegalita' konstestata; dan ghar-raguni li l-istess Artikolu jaghti fakulta' lill-Awtorita' li tiddistingwi bejn kaz u iehor; in oltre anke jekk l-Awotorita' ma tohrog l-Avviz kontra s-sid, ma tkunx prekluza milli tipprocedi civilment kontra l-istess sid fit-termini tal-Artikolu 55A(4).*
>
> *Dan apparti l-kunsiderazzjoni xejn traskurabbli li persuna li m'ghandha l-ebda responsabilita' ghall-illegalita', m'ghandhix tkun soggettata intortament ghall-proceduri odjuzi li jistghu jaghbbuha b'responsabbiltajiet kriminali.*
>
> *It-Tribunal ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jilqa l-istess u jirrevoka l-avviz biex tieqaf u twettieq tat-13 ta' Marzu 2009, indirizzat lis-sid (owner) ECF477/09 "*

*Illi permezz ta' Appel numru 51/09E CF l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar appellat minn din id-decizjoni;*

*Illi b'decizjoni datata 7 ta' Mejju 2014 fl-ismijiet premessi l-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri ddecidiet:*

> *"Ghalhekk il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-30 ta' Lulju 2013, u tirrivinja l-atti lura lit-Tribunal biex jerga jiddeciedi mill-gdid l-appell. Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa."*

*Illi l-artikoli 52(5) u 56(1) tal-Kap 356 jiddisponu s-segwenti:*

***Artikolu 52(5)***

> *"If it appears to the Authority that any development of land has been carried out after the coming into force of this Act without the grant of permission required in that behalf under this Act, … the Authority may, having regard to the provisions of development plans, planning policies and other material consideration, serve on the owner of the land or on the occupier of the land or both as the Authority deems most expedient an enforcement notice requiring such steps as may be specified in the notice to be taken within such time as may also be specified for restoring the land to its condition before the development took place or for removing such development or for securing compliance with the conditions aforesaid, as the case may be … "*

***Artikolu 56 (1)***

> *"(1) any person who:*
>
> *…*
>
> *(c) having been served with an enforcement notice or other notice under article 45, 52, 53, or 55, fails to comply with any of the requirements of such notice within the time therein specified;*
>
> *Shall be guilty of an offence against this Act and shall be liable, on conviction, to a fine (multa) of not less than one thousand and one hundred and sixty-four euro and sixty-nine cents (€1,164.69) and not exceeding one hundred and sixteen thousand and four hundred and*

> *sixty-eight euro and sixty-seven cents (€116,468.67), and in respect of an offence under paragraph (d) or, in the case of an offence under paragraph (c) if the offence persists in the offence for more than three months, also to imprisonment for a term of not less than three months and not exceeding three years;"*

*Illi mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell huwa car illi konsegwenza tal-Avviz biex Tieqaf u ta Twettieq l-esponenti jinsab maqbud bejn: jew li jdhol fi spejjez ezorbitanti sabiex jissana att li twettaq minn terzi u li huwa ma kellu l-ebda involvement fih jew inkella li jinstab hati, ai termini tal-ligi hawn fuq citata, ta' reat kriminali bil-possibilta li jigi kkundannat piena ta' prigunerija;*

*Illi l-esponenti b'dan il-mod qieghed jigi negat kull possibilita li jiddefendi ruhu mill-akkuzi migjuba kontrih, ikunu x'ikunu c-cirkostanzi tal-kaz, u l-ligi qiegheda tohloq presunzjonijet ta'htija fir-rikorrent, assoluti u irribattibli, li huma kompletament indipendenti mill-volonta tieghu;*

*Illi jidher illi, minkejja d-decizjoni taghha, il-Qorti tal-Appell, kienet ta' din l-opinjoni:*

> *"It-Tribunal dahal fi kwistjonijiet ta' prova fattwali dwar min seta kkommetta l-illegalita u stabbilit mit-Tribunal illi Cachia Caruana ma kienx involut allura l-avviz ma kellux jinhareg kontrieh u b'hekk ma jkunx hem riperkussjonijiet u pregudizzju bi gbir ta' spejjez minghajr jekk issir direct action mill-Awtorita ....*
>
> *Ghalkemm il-Qorti tissimpatizza mal-pozizzjoni tal-appellat u tifhem li t-Tribunal ipprova jagixxi b'sens ta' gustizzja mal-partijiet interessati, madanakollu hi l-fehma ta' din il_Qorti illi l-gustizzja ghandha u tista ssir biss fil-parametri li taghti l-ligi. Il-Qrati japplikaw il-ligi b'gustizzja izda ma jistghu jissostitwixxu l-fehma taghhom ma' dak li jrid il-legislatur sakemm il-kwistjoni ma tkunx qed tigi indirizzata fil-forum idoneo bil-mezzi li taghti l-ligi ordinarja u dik kostituzzjonali biex jigu attakkati provvedimenti tal-ligi jew agir amministrativ kif inhu dan il-kaz"*

*Illi hija l-umli opinjoni tar-rikorrenti illi l-procedura kif disposta ai termini tal-artikoli relevanti tal-Kap.356 kif ukoll id-decizjonijiet mehuda mill-awtorita kompetenti u l-proceduri minnha inizjati fil-konfront tar-rikorrent huma bi ksur tad-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali tar-rikorrenti stante illi:*

1) *Sistema li tikkastiga persuna ghal-att imwettaq minn terzi minghajr is-sejbien ta' xi forma ta' htija tikser d-dritt tal-prezunzjoni tal-innocenza; u*
2) *It-twettieq ta' reat ghandu jkun wiehed prevedibbli fil-mument li jkun qieghed jigi kommess, haga li f'dawn ic-cirkostanzi ma tezistix.*

*Illi ghaldaqstant jekk l-Awtorita kkoncernata ser tkompli tinforza l-Avviz biex Tieqaf u ta Twettieq kontra ir-rikorrenti ser jigu vjolati d-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll id-dritt tieghu ghat-tgawdija tal-proprjeta tieghu protett taht l-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-istess konvenzjoni;*

*Illi hija biss din l-Onorabbli Qorti li tista' taghti rimedju lir-rikorrenti;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitblob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara li bil-fatti kif fuq elenkati u premessi qeghdin jigu vjolati id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent ghall-smiegh xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif ukoll ghat-tgawdija tal-proprjeta tieghu, liema drittijiet huma prottetti u stabbiliti bhala fondamentali fil-kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fondamentali tal-bniedem;*
2. *Tiddikjara illi l-fatti fuq esposti jammontaw ghal ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti ai terimini tal-Artikolu 39 tal-Kosituzzjoni u l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem kif ukoll id-dritt tieghu ghat-tgawdija tal-proprjeta tieghu protett taht l-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-istess konvenzjoni;*
3. *Taghti kull rimedju, ordni, direttiva, inklus jekk hem bzonn dikjarazzjoni li l-artikoli in kwistjoni ma ghandhomx jigu applikati fil-konfront tieghu ghaliex jiksru id-drittijiet fondamentali tiehgu*

*jew ordni biex jitwaqqfu il-proceduri mehuda kontra tieghu, kif ukoll fosthom l-ghoti ta' kumpens xieraq, kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun;*

4. *Fil-kaz illi din l-Onorabbli Qorti tillikwida kumpens, tordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti tali kumpens;*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.*

Rat **ir-risposta tal-Awtorita' tal-Ippjanar tat-18 ta' Mejju 2016**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

*Tesponi bir-rispett :*

*1. Preliminarjament, l-Awtorita' tissottometti bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, stante' n-nuqqas ta' ezawriment tar-rimedji ordinarji disponibbli ghar-rikorrent skont il-Ligi.*

*2. llli minghajr hsara ghall-premess, l-Awtorita' esponenti ma tistax u m'ghandiex twiegeb ghal ebda lanjanza mressqa mir-rikorrent li hija b'xi mod intiza li tattakka l-validita' kostituzzjonali tal-Artikolu 52(5) u l-Artikolu 56(1) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta, stante' li l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi mhux talli ma gewx promulgati minnha, talli l-Awtorita' stess hi soggetta ghalihom. Dan qed jinghad minghajr hsara ghall-fatt li l-imsemmija Artikoli tal-Ligi ma jiksru l-ebda dritt fundamentali tal-bniedem, la dawk sanciti taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u lanqas dawk sanciti taht l-ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll tal-istess konvenzjoni. Illi f'kull kaz, l-Artikolu 52 tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta gie abrogat permezz tal-Avviz Legali 512 tal-2010.*

*3. **Illi sal-lum qatt ma nbdew xi proceduri penali kontra r-rikorrent relatati ma' dan il-kaz.** Hu biss jekk u meta jinbdew tali proceduri, li jigi radikat fir-rikorrent il-jedd u l-interess guridiku li jippromwovi l-istanza odjerna. L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, li madwaru r-rikorrent qed jakkampa t-tezi tieghu, hu car fil-portata tieghu : "Whenever any person **is charged with a criminal offence** he*

[1] Fol 10 et seq

*shall, unless the charge is withdrawn, be afforded a fair hearing within a reasonable time by an independent and impartial court established by law."* *L-azzjoni hi ghalhekk ukoll intempestiva. Similment, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar "In the determination ... of* ***any criminal charge against him".*** *Anke l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jaqra li "No one shall be held guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international low at the time when it was committed", u jippresumi ghalhekk li jrid ikun hemm proceduri li jistghu jwasslu ghal sejbien ta' htija. Sal-lum, ir-rikorrent hu fl-impossibilita' li jinsab hati ta' xi akkuza penali propju ghaliex ma hemm ebda proceduri penali mibdija kontra tieghu. Anke' l-lanjanza tar-rikorrent in kwantu tirreferi ghal lezjoni fit-tgawdija tal-possedimenti tieghu hi nfondata billi l-hrug tal-avviz u l-effetti tieghu ma jammontawx ghal tali lezjoni.*

*4. Ili b'zieda ma' dan, u dejjem bla hsara ghall-premess, it-talbiet tar-rikorrent huma lkoll infondati u ghandhom ghalhekk jigu michuda ghar-ragunijiet li jsegwu :-*

*(i) Ir-rikorrent, filwaqt li mhux qed jikkontesta l-fatt li d-depozitu tal-materjal inert fuq l-art kolpita bl-enforcement notice numru 477/2009 jikkostitwixxi zvilupp illegali, qed jilmenta li dan id-depozitu llegali "twettaq minn terzi u li huwa ma kellu l-ebda involviment fih; biss pero' dan ma jbiddel xejn mill-fatt li r-rikorrent, li huwa stess jiddikjara li hu l-propjetarju tal-art kolpita mill-imsemmi enforcement notice, kellu u ghandu l-obbligu li jizgura li l-ebda zvilupp illegali ma jitwettaq fuq l-art tieghu; kemm jekk tali llegalita' titwettaq minnu u kif ukoll jekk tigi kommessa minn terzi persuni. Issa, ladarba gie kommess zvilupp illegali fuq l-art in kwistjoni - fatt accettat u rikonoxxut mir-rikorrent inifsu - dan tal-ahhar,bhala s-sid ta' din art, ghandu l-obbligu u r-responsabilita' li jizgura li jitnehha u jitwaqqaf dan l-izvilupp illegali kolpit bl-imsemmi enforcement notice u b'hekk "the requirements of such notice" jigu "[complied] with" skont kif provdut fl-Artikolu 56(1) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*(ii) bla hsara ghall-premess, minkejja li r-rikorrent qed jilmenta li b'konsegwenza tal-imsemmi enforcement notice huwa jaf jispicca "jidhol fi spejjez ezorbitanti sabiex jissana" l-illegalita' kommessa fuq l-art tieghu, l-istess Ligi li r-rikorrent qed jipprova jattakka permezz ta' dawn il-*

*proceduri "taghti d-dritt ta' risarciment tas-sid minn min ikun realment u fattwalment ikkommetta l-illegalita"* [2]

*(iii) illi l-enforcement notice mertu ta' dawn il-proceduri gie mahrug mill-Awtorita' in piena konformita' mal-Ligi, u l-iskop principali wara tal-imsemmi avviz huwa dak li jigi protett sit skedat billi titwaqqaf kull forma ta' llegalita' kommessa fuq l-istess. Illi huwa ghalhekk inkoncepibbli li jinghad li l-azzjoni legittima mehuda mill-Awtorita' sabiex titwaqqaf illegalita' u jigi protett sit skedat tikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tar-rikorrent.*

*(iv) illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent, in kwantu diretti fil-konfront tal-Awtorita' u l-proceduri mehudha minnha skont il-Ligi sabiex titwaqqaf l-illegalita' kommessa fuq is-sit, huma pjenament infondati.*

*5. Illi f'kull kaz, u minghajr assolutament ebda hsara ghall-permess, dato ma non concesso li dina l-Onorabbli Qorti kellha ssib li jissussisti xi ksur taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni; l-Artikolu 6 jew 7 tal-Konvenzjoni; jew l-ewwel Artikolu tal-ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, r-rimedju ta' kumpens mitlub mir-rikorrent f'dan il-kaz xorta wahda m'huwiex wiehed gustifikat.*

*6. Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jimmeritawx akkoljiment.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat **ir-risposta tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' Mejju 2016**[3] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet -

*Jesponi bir-rispett:*

*1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-esponent jirrileva li mhuwiex edott mill-proċeduri li mertu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali u għaldaqshekk ikun opportun li r-rikorrenti jeżebixxi kopja tal-atti kkollha li saret referenza għalihom;*

[2] **"Francis Cachia Caruana vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (Appell Civili Numru 57/2013), deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Mejju 2014.

[3] Fol 13 et seq

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost,* ***l-Avukat Ġenearli mhuwiex il-leġittimu kontradittur*** *billi mill-mod kif inhu redatt ir-rikors promutur huwa manifest li mhux qed tiġi impunjarta l-validità tal-provvedimenti tal-liġi in kwistjoni iżda l-applikazzjoni tal-istess fir-rigward tar-rikorrent. L-Avukat Ġenerali ma jweġibx għad-deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorità kompetenti u lanqas għad-diskrezzjoni eżerċitata mill-imsemmija Awtorità a tenur tal-artikoli tal-liġi li għamel referenza għalihom ir-rikorrent u għaldaqstant min-natura tat-talbiet, il-kawża odjerna tista' tiġi diretta kontra l-intimati l-oħra filwaqt li l-Avukat Ġenerali għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju;*[4]

*3.Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, mill-fatti kif esposti fir-rikors promutur, hija l-umli fehma ta' l-esponent li din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 stante n-****nuqqas ta' rimedji ordinarji*** *disponibbli għar-rikorrent skont il-liġi;*

*4.Illi bla ħsara għas-suespost, mill-fatti elenkati mir-rikors promutur ma jirriżultax lir-rikorrent effettivament tressaq mixli kriminalment a tenur tal-artikolu 56(1) tal-Kap 356. Isegwi għalhekk illi kull allegazzjoni mressqa minnu a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Kovenzjoni Ewropea in kwantu jirreferu ghal persuna 'akkużata b'reat kriminali' u multo magis, kull allegazzjoni a tenur tal-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, li jipprovdu ghal sitwazzjoni fejn persuna tkun diga instabet hatja ta' reat kriminali, hija għal kollox* ***intempestiva****;*[5]

*5.Illi* ***fil-mertu*** *u mingħajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jiġu hawn elenkati minghajr preġudizzju għal xulxin:*

> *5.1. illi l-proċedura kif disposta ai termini tal-artikoli tal-Kap. 356 ċitati mir-rikorrent kif ukoll id-deċiżjonijiet meħuda mill-Awtorità kompetenti u l-proċeduri minnha inizjati fil-konfront tar-rikorrent bl-ebda mod ma*

---

[4] Qorti Kostituzzjonali, **Victor Spiteri v L-Avukat Generali et,** deciza fl-1 ta' Ottubru 2009

[5] *Lukanov v Bulgaria, App. No. 21915/93 deċiża fit-12 ta' Jannar, 1995 mill-Qorti Ewropea d-Drittijiet Bniedem; Mirchev and Others v. Bulgaria, App. No. 71605/01 deċiża fis-27 ta' Novembru 2008 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; Qorti Kostituzzjonali, Rik. Kost. Nru. 84/2013, Lebrun Joseph v Avukat Generali, deċiża fis-16 ta' Settembru 2014, Qorti Kostituzzjonali, Rik. Kost. Nru. 61/2013, Dimech Martin v Avukat Ġenerali, deċiża fis-16 ta' Settembru 2014, Qorti Kostituzzjonali, Rik. Kost. Nru. 73/2013,Repubblika ta' Malta v Matthew Zarb, deċiża fis-6 ta' Frar 2015, Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kost) Jeffrey Zammit vs L-Avukat Generali u l-Onorevoli Prim Ministru, deċiża fis-16 ta' Mejju 2014; Av. Jose' A. Herrera noe vs Avukat Generali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' April 2011*

*jiksru d-drittijiet fundamentali tiegħu a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet fundamentali tal-Bniedem jew tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni kif allegat minnu;*

*5.2. Illi kull allegazzjoni li tali sistema "tikkastiga persuna għal-att imwettaq minn terzi minghair is-sejbien ta' xi forma ta' ħtija' u 'tikser id-dritt tal-preżunzjoni tal-innocenza' hija ukoll manifestament infondata u nsostenibbli. Ir-rikorrent, bħala propjetarju tal-art kolpita mill-enforcement notice numru 477/2009 kellu u għandu l-obbligu li jiżgura li l-ebda żvilupp illegali ma jitwettaq fuq l-art tiegħu, kemm f'każ li tali illegalità titwettaq minnu kif ukoll jekk tali llegalità titwettaq minn terzi kif ukoll ir-responsabbilità li huwa jiżgura li titnehha u titwaqqaf tali legalità:*

*5.3. Illi inoltre, kull allegazzjoni fis-sens illi potenzjalment jista' jidħol fi spejjeż eżorbitanti sabiex jissana att li twettaq minn terzi' bl-ebda mod ma twassal għall-allegat ksur. Mingħajr preġudizzju għall-fatt li tali asserzjoni hija waħda ipotetika, huwa għandu dritt ta' riżarċiment minn min ikkommetta l-illegalità;*

*5.4. Illi dejjem mingħajr hsara għall-premess, il-liġi in kwistjoni hija intiża għall-protezzjoni tas-sit b'dan illi kull azzjoni legittima mill-Awtorità kompetenti sabiex titwaqqaf illegalità fis-sit in kwistjoni ma tista' qatt twassal għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif allegat minnu u dan speċjalment in vista tal-fatt li d-dritt għat-tgawdija tal-propjetà ma jnaqqasx mid-dritt tal-Istat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-propjetà skont l-interess ġenerali:*

*5.5. Illi jingħad ukoll li l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni jipprovdu li 'ħadd m'għandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew omissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond liġi ... fil-ħin meta jkun sar'. Għandu jkun pacifiku li r-reat ikkontemplat fl-artikolu 56 tal-Kap.356 kien fis-seħħ meta sar ir-reat b'dan ili kull allegazzjoni fis-sens li r-rikorrent ġarrab ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu taħt dawn l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni abbażi tal-allegazzjoni li t-twettieq tar-reat ma kienx għalih prevedibbli hija infondata u nsostenibbli;*

*5.6. Illi jirriżulta ukoll li r-rikorrent qiegħed jingħata smiegħ xieraq minn tribunal indipendenti u mparzjali fil-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li għalihom għamel referenza;*

*5.7. Illi jsegwi li fiċ-ċirkostanzi odjerni ma tissussisti l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali kif allegat mir-rikorrent;*

*6. Illi finalment u dejjem bla ħsara ħall-premess, dato ma non concesso li qegħdin jiġu vjolati id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal smiegħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti u/jew 'għat-tgawdija tal-propjeta' u/jew li l-fatti minnu esposti "jammontaw għal ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 39 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem kif ukoll id-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-proprjeta tiegħu protett taħt l-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-istess konvenzjoni' kif allegat mir-rikorrent, ir-rimedji mitluba minnu mhumiex ġustifikati. Lanqas ma hemm lok għal xi kumpens pekunarju;*[6]

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad t-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Rat ir-risposta tal-**Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi tal-14 ta' Lulju 2016** permezz ta' liema ressqet dawn l-eċċezzjonijiet –

*"1. Illi l-Awtorita' esponenti mhijiex il-leġittimu kontradittur.*

*2. Illi l-Awtorita' esponenti qatt ma ġiet interpellata b'xi att ġudizzjarju rigward din il-pendenza."*

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet.

Rat l-atti tal-proċess allegat Appell Nru 57/13 fl-ismijiet **Francis Cachia Caruana vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Mejju 2014**.

---

[6] Major Peter Manduca vs l-Onorevoli Prim' Ministru deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrent qed jilmenta li sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ("Il-Kostituzzjoni") u bl-artikoli 6, 7 u bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni").

L-allegat ksur ta' dawn id-drittijiet huwa ppernjat fuq żewġ binarji –

(i) Il-proċedura kif disposta ai termini tal-artikoli 52(5) u 56(1) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap 356 tal-Liġijiet ta' Malta); u

(ii) Id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtorita' kompetenti u l-proċeduri minnha inizjati fil-konfront tar-rikorrent.

Dan stante –

(i) Sistema li tikkastiga persuna għal att imwettaq minn terzi mingħajr is-sejbien ta' xi forma ta' ħtija, liema sistema twassal għal ksur tad-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza kif protett bl-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni; u

(ii) It-twettiq ta' reat għandu jkun wieħed prevedibbli fil-mument li jkun qed jiġi kommess, liema reat fiċ-ċirkustanzi tal-każ tal-lum ma jeżistix.

**L-artikolu 52(5) tal-Kap 356** kif viġenti fl-epoka tal-każ odjern kien jipprovdi hekk[7]–

*"If it appears to the Authority that any development of land has been carried out after the coming into force of this Act without the grant of permission required in that behalf under this Act, or that any conditions subject to which such permission was granted in respect of any development have not been complied with, the Authority may, having regard to the provisions of development plans, planning policies and any other material consideration, serve on the owner of the land or on the occupier of the land or on both as the Authority deems most expedient an enforcement notice and shall inform the persons mentioned in subarticle (3) of such an enforcement notice, requiring such steps as may be specified in the notice to be taken within such time as may also be so specified for restoring the land to its condition before the development took place or for removing such development or for securing compliance with the conditions aforesaid, as the case may be; and in particular, but without prejudice to the generality of the aforesaid any such notice may, for the purpose aforesaid, require the demolition or alteration of any buildings or works, the discontinuance of any use of land, or the carrying out on the land of any building or other operations."*

**L-artikolu 56(1) tal-Kap 356** jipprovdi hekk -

*"Any person who –*

[7] Dan l-artikolu kien ġie abrogat bl-Att X tal-2010

*(.....)*

*(c) having been served with an enforcement notice or other notice under articles 45, 52, 53 or 55, fails to comply with any of the requirements of such notice within the time therein specified;*

*(....)*

*shall be guilty of an offence against this Act and shall be liable, on conviction, to a fine (multa) of not less than five hundred liri and not exceeding fifty thousand liri, and in respect of an offence under paragraph (d) or, in the case of an offence under paragraph (c) if the offender persists in the offence for more than three months, also to imprisonment for a term of not less than three months and not exceeding three years:"*

Ir-rikorrent isostni li jekk l-Awtorita' ntimata sejra tippersisti bl-infurzar tal-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF 477/09 fil-konfront tiegħu, ser jiġu vvjolati d-drittijiet fundamentali fuq imsemmija.

Huwa qiegħed għalhekk jitlob lil din il-Qorti sabiex mhux biss issib li seħħet vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu imma wkoll li tagħti kull rimedju, ordni u direttiva inkluż jekk neċessarju li l-artikoli tal-liġi mpunjati ma jkunux jistgħu jiġu applikati fil-konfront tiegħu kif ukoll il-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens li jagħmel tajjeb għal tali vjolazzjoni.

Minn naħa tagħhom l-intimati fil-mertu rrespinġew l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Mill-isfond fattwali li wassal għall-proċeduri odjerni jirriżulta li -

a. Ir-rikorrent għandu sehem indiviż ta' 17/880 tal-art tal-Qallelija, limiti tar-Rabat li fuq parti minnha ħareġ l-*Enforcement Notice* mertu tal-proċeduri odjerni. Din l-art mhix imqabbla iżda hu jieħu ħsieb il-propjeta' tal-familja bħala amministratur. Huwa jaħdem il-parti tal-art li fiha l-ħamrija;

b. Sitwata ħdejn din l-art hemm porzjon oħra ta' art imqabbla mill-kuġina tar-rikorrent lil Carmelo u Gordon Micallef. Sabiex huma jkollhom aċċess għall-art imqabbla lilhom huma jgħaddu minn fuq l-art surreferita li minnha għandu sehem indiviż ir-rikorrent;

c. Circa Settembru 2008 Gordon Micallef avviċina lir-rikorrent u staqsih jekk isibx oġġezzjoni li jimlew it-toqob li hemm fit-trejqa tal-mogħdija ġewwa l-art tagħhom u li twassal għall-parti bil-ħamrija maħduma mir-rikorrent. Ir-rikorrent jgħid li din il-proposta saret sabiex l-istess rikorrent ikun jista' jibda juża dik il-mogħdija flok jibqa' jgħaddi mill-parti tal-għalqa mqabbla lil Micallef biex immur għal fuq l-art li minnha huwa għandu s-sehem indiviż;

d. Ir-rikorrent ma sab ebda oġġezzjoni. Wara dan, huwa ma kienx mar fuq l-art tagħhom għal perjodu ta' żmien;

e. Għal ħabta tat-12 ta' Marzu 2009, Gordon Micallef ċempel lir-rikorrent u qallu li kienu marru xi uffiċjali tal-MEPA u li kellhom jerġgħu imorru. Dan peress li ċertu Carmelo (Charlie) Dimech, li kien inkarigat minn ta' Micallef, ma kienx mela biss il-ħofor iżda kien tefa ħafna materjal fuq l-art li minnha għandu sehem indiviż ir-rikorrent;

f. Xi jiem wara r-rikorrent ġie kkuntatjat mill-uffiċjali tal-MEPA u wara laqgħa li kellhom miegħu huwa ra wkoll il-materjal li kien intefa;

g. Fit-13 ta' Marzu 2009 il-MEPA ħarġet Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF477/09[8] u peress li sa dakinhar is-sid kien għadu mhux magħruf ġie ndirizzat lil "The Owner/Occupier" għas-sit "Il-Qallejja L/O Rabat (skont site plan annessa)". L-Avviż kien jirreferi għas-segwenti ksur tal-kontroll tal-ippjanar –

*"Għandek żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn depożitu u twittija ta' materjal inert fuq art skedata skont il-liġi u li b'hekk saret ħsara lill-ambjent tal-madwar."*

h. Dan l-Avviż inħareġ bis-saħħa tal-poteri tal-Awtorita' ai termini tal-artikoli 46, 51 u 52 tal-Kap 356. Fost oħrajn dan l-Avviż ordna wkoll sabiex dan l-iżvilupp jieqaf immedjatament, ma jinbeda ebda żvilupp ieħor u jittieħdu l-passi sabiex jieqaf dan il-ksur billi jitneħħa l-iżvilupp bla permess u s-sit jiġi ripristinat għall-istat oriġinali tiegħu. Applikazzjoni għal dan il-għan kellha tiġi sottomessa fi żmien 16 -il jum;

i. Minn investigazzjonijiet li nbdew mill-Pulizija dwar il-każ jidher li –

- Wara li r-rikorrent kien ta l-kunsens tiegħu għall-mili tal-ħofor fit-trejqa tal-mogħdija li tinsab ġewwa l-art tar-rikorrenti, Carmelo

[8] Fol 101

Micallef u Gordon George Micallef kienu qabbdu lill-kuntrattur Carmelo Dimech sabiex jitfa' terrapien fl-imsemmija trejqa;

- Wara li sar dan ix-xogħol Carmelo Dimech u l-kumpanija Dimbros Ltd bdew jarmu b'mod regolari terrapien u materjal ieħor fl-art skedata;
- Ir-rikorrent ma kienx konsapevoli tal-fatt li kien qiegħed jintrema dak il-materjal kollu fuq l-art in kwistjoni;

j. B'riżultat ta' dawn l-investigazzjonijiet inħarġu Avviżi biex Tieqaf u ta' Twettiq lir-rikorrent[9], lil Charles Dimech[10] u lil Dimbros Ltd[11];

k. Il-Pulizija ntavolat proċeduri fil-Qorti kontra ta' Micallef, kemm il-missier u anke l-iben, iżda dawn ġew illiberati mill-akkuzi ta' 'dumping'. Ittieħdu wkoll proċeduri kontra Carmelo Dimech iżda dan ġie ukoll liberat billi x-xhieda tal-prosekuzzjoni ma dehrux.

l. Il-Pulizija ma ntavolat ebda proċeduri bil-Qorti kontra r-rikorrent odjern Francis Cachia Caruana iżda ġie ndikat biss bħala xhud fil-*Letter to Prosecute* tal-Pulizija.

m. Peress li r-rikorrent odjern ħassu aggravat bl-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq ECF477/09 huwa ressaq appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ai termini tal-artikolu 52(9) tal-Kap 356 fejn issolleva s-segwenti aggravji –

[9] Fol 112
[10] Fol 113
[11] Fol 114

*"1. My client have not effected or authorised the dumping of inert waste on their land and have only been made aware of such dumping on the issue of the enforcement notice.*

*2. My client have investigated the matter and it appears that the waste has been dumped by a certain Carmelo Dimech and Carmelo and Gordon Micallef. The attached copies of two letters dated 16th March 2009 refer and contain all the relevant details.*

*3. My clients have been severely prejudiced by the issue of the enforcement notice as their property has been encumbered with this order when they had absolutely no knowledge of the dumping and cannot consequently be expected to spend thousands of Euro to clear the dumped waste and bring back the site to its original state as ordered in the enforcement notice.*

*4. The enforcement notice and its consequences unless revoked is penal and punitive in nature and my clients cannot be held answerable for actions they have neither committed nor authorized and of which they had no knowledge.*

*For the above reasons my clients insist that the enforcement notice is revoked and withdrawn in so far as it affects the owners of the site and re-issued if necessary against the actual perpetrators of the dumping who it appears are the person above mentioned and as may result conclusively from the ongoing police investigation."*

n. Minn naħa tagħha l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar irrispondiet hekk -

*"Illi l-istess avviż inħareġ fit-13 ta' Marzu 2009, kontra unknown owner/occupier (skond il-liġi) stante li kien hemm żvilupp li jikkonsisti minn depożitu w twittija ta' materjal inert fuq art skedata;*

*Illi l-istess avviż jingħad li mhux qed 'jitfa' iżda li 'għandu' u l-istess Awtorita' obbligata li toħroġ l-avviż kontra anki s-sidien stante eventwalment l-istess spejjeż f'każ ta' direct action skond il-Kap. 356, iridu jinġabru mis-sid, li jibqagħlu pero' dritt li jiġi risarċit billi jfittex lil min okkupalu l-art u għamel l-iżvilupp illegali fuq l-art tiegħu.*

*Meta l-istess Awtorita' saret taf min hu s-sid, inħareġ ukoll kontrih (l-appellant preżenti) f'ismu.*

*Illi waqt li mhux ikkontestat minnu li kien hemm żvilupp illegali, l-istess avviż inħareġ kemm fattwalment korrett, kif ukoll legalment korrett, u l-istess avviż għaldaqstant għandu jiġi kkonfermat u l-appell miċħud."*

o. B'deċiżjoni datata 30 ta' Lulju 2013 it-Tribunal laqa' l-appell ta' Cachia Caruana u rrevoka l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettieq tat-13 ta' Marzu 2009 safejn indirizzat lis-sid u dan wara li fost oħrajn għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet -

*"Mhux kontestat li l-Awtorita' tista' toħroġ l-Avviż fuq it-tnejn, is-sid u l-okkupant; u ċertament ikun hemm sitwazzjonijiet partikolari fejn din il-forma tkun neċessarja; pero' l-Artikolu ma jgħidx li dejjem u f'kull kas għandu jsir hekk; anzi l-artikolu jhalli l-għażla f'idejn l-Awtorita', skond iċ-ċirkostanzi partikolari tal-kas. Hi l-opinjoni kunsidrata ta' dan it-Tribunal li meta lill-Awtorita' jirriżultalha li s-sid hu perfettament estranju għall-illegalita', f'dak il-kas m'għandix tohrog avviż fuq is-sid, iżda fuq l-okkupant jekk jirriżultalha li dan*

*kien responsabbli għall-illegalita' kontestata; dan għar-raġuni li l-istess Artikolu jagħti l-fakulta' lill-Awtorita' li tiddistingwi bejn kas u iehor; in oltre anke jekk l-Awtorita' ma toħroġ l-Avviż kontra s-sid, ma tkunx prekluża milli tipproċedi ċivilment kontra l-istess sid fit-termini tal-Artiklu 55A (4). Dan apparti l-kunsiderazzjoni xejn traskurabbli li persuna li m'għandha l-ebda responsabilita' għall-illegalita', m'għandhix tkun soġġettata intortament għall-proċeduri odjużi li jistgħu jgħabbuha b'responsabilitajiet kriminali. It-Tribunal għalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jilqa' l-istess u jirrevoka l-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettieq tat-13 ta' Marzu 2009, indirizzat lis-sid (the owner), ECF 477/09";*

p. Minn din id-deċiżjoni appellat l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u b'sentenza datata 7 ta' Mejju 2014 fl-Appell Numru 57/13 il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) rrevokat id-deċiżjoni tat-Tribunal u bgħatet lura l-atti lit-Tribunal sabiex jerġa jiddeċiedi l-appell mill-ġdid.

Dan wara li għamlet diversi kunsiderazzjonijiet fosthom li –

- *Hu paċifiku illi ġiet kommessa illegalita' fuq art proprjeta' tal-appellat;*
- *B'din l-illegalita' ġie notifikat is-sid, skond l-avviż biex Tieqaf u ta' Twettieq datat 13 ta' Marzu 2009 ai termini tal-artikolu 46, 51, u 52 tal-Kap. 356, liema Kapitolu kif kien eżistenti dak iż-żmien kien u għandu jirregola l-kwistjoni mertu ta' dan l-appell;*
- *Is-sid Cachia Caruana appella ai termini tal-artikolu 52(9) tal-Kap. 356 li d-diċitura tiegħu hija ċara u ma tħallix lok għal interpretazzjoni;*
- *It-Tribunal invece daħal fil-kwistjoni dwar il-qies tad-diskrezzjoni tal-Awtorita' peress illi l-argument magħmul fl-appell minn Cachia Caruana kien li ma kellux x'jaqsam mal-illegalita' għax saret min terzi ċioe l-okkupant li f'idejh tinsab l-art bi qbiela jew terz li għamel xi xogħolijiet fuq l-art, dan kollu ċioe mingħajr il-kunsens tas-sid;*

- *It-Tribunal daħal fil-kwistjoni ta' prova fattwali dwar min seta' kkommetta l-illegalita' u stabbilit mit-Tribunal illi Cachia Caruana ma kienx involut, allura l-avviż ma kellux jinħareġ kontrih u b'hekk ma jkunx hemm riperkussjonijiet u preġudizzju bi ġbir ta' spejjeż mingħandu jekk isir direct action mill-Awtorita' u l-istess Awtorita' tkun neħħiet l-illegalita' kif għandha d-dritt skond l-artikolu 55A(4) tal-Kap. 356;*
- *Għalkemm il-Qorti tissimpatizza mal-pożizzjoni tal-appellat u tifhem li t-Tribunal ipprova jaġixxi b'sens ta' ġustizzja mal-partijiet interessati, madankollu hi l-fehma ta' din il-Qorti illi l-ġustizzja għandha u tista' ssir biss fil-parametri li tagħti l-liġi. Il-Qrati japplikaw il-liġi b'ġustizzja iżda ma jistgħux jissostitwixxu l-fehma tagħhom ma' dak li jrid il-leġislatur sakemm il-kwistjoni ma tkunx qed tigi indirizzata fil-forum idoneu bil-mezzi li tagħti l-liġi ordinarja u dik kostituzzjonali biex jiġu attakkati provvedimenti tal-liġi jew aġir amministrattiv kif inhu dan il-każ;*
- *Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qieset li hi marbuta b'dak il-poter afdat lilha fl-ambitu ta' appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal fuq punti ta' liġi. Qieset ukoll illi t-Tribunal aġixxa kontra dak li tgħid il-liġi. L-appell quddiemu sar fil-parametru tal-artikolu 52(9). Għalhekk fl-ewwel lok it-Tribunal ma setax jinjora l-applikabilita' tiegħu jew igħid li mhux applikabbli għal każ. Dan la kellu d-dritt igħidu u wisq anqas jamplika fuq tali kunsiderazzjonijiet billi jqis kif l-Awtorita' kellha tuża d-diskrezzjoni mogħtija lilha bil-liġi fejn dan ma jirriżultax li hu fil-poter tal-istess Tribunal minn qari tal-artikolu 52 tal-Kap. 356;*
- *L-iskop wara enforcement order hu primarjament il-protezzjoni tas-sit u mhux l-individwu fl-interess tas-soċjeta'. Għalhekk l-artikolu 52(1) ighid li l-Awtorita' għandha tinnotifika lis-sid u/jew l-okkupant kif hi jidhrilha l-aktar xieraq.*
- *In oltre t-Tribunal ma setgħax jidħol fil-konsiderazzjonijet ta' preġudizzju finanzjarju li seta' jiġi rinfaċċat bih is-sid jekk jittieħed direct action mill-*

*Awtorita' billi l-artikolu 55A(4) jipprospetta tali ipotesi u jagħti d-dritt ta' risarċiment tas-sid minn min ikun realment u fattwalment ikkommetta l-illegalita'.*

- *Il-konsiderazzjoni ulterjuri tat-Tribunal li l-Awtorita' għandha rimedji ċivili disponibbli minghajr ma tapplika l-artikolu 52 hi waħda gratuita għaliex l-artikolu rilevanti tal-Kap. 356 jimponi proċeduri appoziti sabiex l-Awtorita' taġixxi fil-parametri tal-liġi u dawn ma jistgħux jiġu njorati jekk mhux bil-konsegwenza li l-istess Awtorita' tkun qed tippreġudika d-drittijiet tagħha skont il-liġi.*
- *Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qieset għalhekk l-aggravju tal-Awtorita' appellanti bħala fondat fid-dritt u safejn jistgħu jaslu jew iwasslu dawn il-proċeduri, it-Tribunal agixxa kontra dak li tiddisponi l-liġi fejn applika ħażin id-dispożizzjonijiet rilevanti meta ma hemmx lok ta' interpretazzjoni.*

q. Fl-4 ta' Mejju 2016 ġiet intavolata l-kawża kostituzzjonali.

r. Fil-frattemp il-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar jinsabu sospiżi sakemm tiġi deċiża l-kawża odjerna.

## EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI

Qabel kwalunkwe kunsiderazzjoni oħra l-Qorti sejra tindirizza l-eċċezzjonijiet ta' natura preliminari sollevati mill-intimati.

1. **<u>Disponibilita' ta' rimedji ordinarji</u>**

Permezz tal-ewwel u tat-tielet eċċezzjoni rispettivament, l-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Avukat Ġenerali jistiednu lil din il-Qorti tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali tagħha stante d-disponibilita' ta' rimedju ordinarju.

Ġie sottomess li r-rikorrent għadu fil-proċess li jutilizza r-rimedju ordinarju quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar bi dritt ulterjuri t'Appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) jekk ikun il-każ.

**L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li:

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

L-istess prinċipju japplika a tenur tal-artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et deċiża fid-29 t'April 2013**[12] u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 -

[12] Rik Nru 68/11

*"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

*……*

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et deċiż fis-27 ta' Frar 2006**[13] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

"*Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli.*"[14]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[15]

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[16]

---

[13] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[14] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[15] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995.
[16] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002

*"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[17]

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern ir-rikorrenti kellhomx a dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhom.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li - fil-parametri tal-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel HI jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et deċiż fil-25 ta' Mejju 2016**[18]:

"*….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

Il-Qorti tqis li dawn l-eċċezzjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

---

[17] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000
[18] Rik 40/10

Kuntrarjament għall-argumenti mressqa mill-intimati, l-proċeduri ordinarji quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u, possibilment il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ma jindirizzawx b'mod effikaċi u effettiv il-lanjanzi kollha mressqa mir-rikorrent. Kif ingħad fis-suespost, parti mill-lanjanzi tar-rikorrent huma ndirizzati lejn dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli *per se*, materja li ma tistax tiġi trattata u deċiża f'forum ordinarju. U l-bqija tal-lanjanzi tiegħu huma marbuta mal-użu tad-diskrezzjoni u d-deċiżjonijiet tal-Awtorita' ntimata, li skont il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) stess ma kienx il-kompitu tat-Tribunal li jiskrutinjahom hu stante li ma għandux il-poter li jagħmel dan ai termini tal-Kap 356.

**Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar u t-tielet eċċezzjoni tal- Avukat Ġenerali sejrin jiġu respinti.**

2. <u>**Leġittimu kontradittur**</u>

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom rispettivament, l-intimati Avukat Ġenerali u l-Awtorita' tal-Ippjanar jargumentaw li huma mhumhiex leġittimi kontradittturi għat-talbiet tar-rikorrent. L-istess għamlet l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi fl-ewwel eċċezzjoni tagħha.

Dawn l-eċċezzjonijiet huma nfondati.

Kif diġa' ngħad fis-suespost, il-lanjanzi tar-rikorrent huma mmirati kemm lejn il-provvedimenti tal-liġi applikabbli, li għalihom irid dejjem iwieġeb l-Avukat Ġenerali, kif ukoll lejn l-aġir tal-Awtoritajiet intimati u d-diskrezzjoni mħaddma minnhom, li għalihom għandhom iwieġbu l-istess Awtoritajiet. Inoltre għad hemm il-proċeduri surreferiti pendenti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-

Ambjent u l-Ippjanar u għalhekk il-partijiet kollha nvoluti f'dawk l-istess proċeduri għandhom ikunu parti fil-kawża odjerna li l-eżitu tagħha jista' jkollu mpatt dirett fuqhom.

Għalhekk dawn l-intimati huma meqjusin leġittimi kontradittturi għat-talbiet tar-rikorrent u għandhom jibqgħu fil-kawża sabiex jirrispondu għalihom.

**It-tieni eċċezzjoni kemm tal-Avukat Ġenerali u anke tal-Awtorita' tal-Ippjanar kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi sejrin jiġu respinti.**

3. **<u>Nuqqas ta' nterpellazzjoni</u>**

Fit-tieni eċċezzjoni tagħha l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi tgħid li hija qatt ma ġiet interpellata b'xi att ġudizzjarju rigward din il-pendenza.

Il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija nfondata stante li fi kwalunkwe każ l-Awtorita' msemmija mhux biss ġiet notifikata bl-atti tal-kawża iżda anke ressqet id-difiża tagħha permezz ta' risposta ġuramentata u kwindi ma hemm ebda preġudizzju għad-drittijiet tagħha.

**It-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi sejra tiġi respinta.**

4. **<u>Intempestivita' tal-azzjoni</u>**

Fit-tielet eċċezzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar u fir-raba' eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali ġiet sollevata l-intempestivita' tal-azzjoni fir-rigward tal-lanjanzi mressqa mir-rikorrent ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u

7 tal-Konvenzjoni. Dan peress li ma ttieħdu ebda proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent.

Ir-rikorrent jilmenta li bl-Avviż biex Tieqaf u ta' Twettiq maħruġ kontrih huwa ser ikollu jew jidħol fi spejjeż kbar biex jissana l-att imwettaq minn terzi jew inkella jinstab ħati ai termini tal-artikolu 56 (1) tal-Kap 356 ta' reat kriminali bil-possibilita' li jeħel piena ta' priġunerija. Huwa jargumenta wkoll li b'hekk qed jiġi negat kull possibilta' li jiddefendi ruħu mill-akkużi miġjuba kontrih, ikunu x'ikunu ċ-ċirkostanzi tal-każ, u l-liġi qed toħloq preżunzjoni ta' ħtija fir-rikorrent b'mod irribattibbli u assolut li huma ndipendenti mir-rieda tiegħu.

L-artikoli li fuqhom ir-rikorrent qed jibbaża l-lanjanzi tiegħu fil-kuntest tad-dritt għal smigħ xieraq jipprovdu hekk –

**L-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi hekk –

*"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

**L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –

*"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law".*

F'sentenza tagħha stess fl-ismijiet **Massimo Abela vs Avukat Ġenerali deċiża fl-14 ta' Diċembru 2018** din il-Qorti qalet hekk –

*"Il-prinċipji ġurisprudenzjali in materja, kemm dawk lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB"), huma ormai ben stabbiliti. Fost l-ewlenin il-Qorti tissottolinea li:*

*1. Kemm l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jestabilixxu li bħala parti mid-dritt għal smiegħ xieraq, deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' natura ċivili u anke dawk ta' natura kriminali għandhom jinqatgħu fi żmien raġjonevoli. Dan sabiex il-partijiet fil-proċeduri quddiem il-Qrati jiġu protetti minn dewmien proċedurali eċċessiv li jista' jkun ta' preġudizzju għalihom kif ukoll sabiex il-kredibilita' u l-effettivita' tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tiġix mittiefsa.*

Jirriżulta bħala fatt mill-atti li sal-lum ma ttieħdu ebda proċeduri kriminali kontra r-rikorrent u lanqas jirriżulta li qed jittieħdu jew li aktarx ser jittieħdu xi passi mill-awtoritajiet kompetenti biex huwa jitressaq il-Qorti b'xi akkuża kriminali. Dan huwa wkoll konfermat mir-rikorrent fix-xhieda tiegħu stess[19] -

*"Av: ......meta għedt jew hekk jew ninstab ħati bi proċeduri kriminali, issa proċeduri kriminali kontra George Gordon u Carlo Micallef ittieħdu , u anka kontra Carmelo Dimech, issa proceduri kontrik kriminali at some point ittieħdu?*

*Xhud : le sa fejn naf jiena.*

*Av: Tajjeb. Allura kif tgħid li nista' ninstab ħati?*

[19] Xhieda tas-16 t'Ottubru 2020

*Xhud : Fi stanza waħda ha tiswini ħafna flus nimmaġina …*

*(…..)*

*Av: Imma proċeduri kriminali kontrik ma ttiħdux qatt allura kif qed tgħid ha jittieħdu issa ? Li d-drittijiet tiegħek ġew leżi ?*

*Xhud : Sa fejn naf jien ħadd ma ħa proċeduri kontrija le."*

Addirittura jirriżulta li meta ttieħdu l-proċeduri kriminali kontra Carmelo Dimech, Carmelo Micallef u Gordon George Micallef, l-uniku nvolviment tar-rikorrent kien bħala xhud.

Fl-isfond ta' dawn ir-riżultanzi l-Qorti tirreferi għall-**artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni** li jipprovdi hekk -

*"Bla ħsara għad-*disposizzjonijiet *tas-subartikoli (6) u(7) ta' dan l-*artikolu, *kull persuna li tallega li xi waħda mid-*dispożizzjonijiet *tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega,tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkuntista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju."*

Ukoll, **l-artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi li -

*"Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha, jew kull persuna oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xipersuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwarl-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju."*

Dawn id-dispożizzjonijiet juru li sabiex persuna tivvanta allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fundamentali trid jew tkun diġa sofriet ksur ta' tali dritt, jew tkun qegħda fil-preżent issofri l-ksur tad-dritt jew x'aktarx tkun ser issofri l-ksur tad-dritt.

Iżda biex titqies li x'aktarx tkun ser issofri ksur ta' dritt fundamentali jrid jissusisti probabilta' ta' ksur imminenti u reali u mhux sempliċiment possibilta' ipotetika.

Fil-każ odjern dan ma rriżultax sa fejn jirrigwarda t-teħid ta' proċeduri kriminali kontra r-rikorrent u allura huwa ma jistax jinvoka l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni fil-kuntest ta' smiegħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Ir-rikorrent jibbaża wkoll il-lanjanzi tiegħu fuq **l-artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi li -

*"(1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar."*

Fil-każ **Concetta Decelis et vs Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et deċiż fid-9 ta' Diċembru 2010**[20] din il-Qorti diversament preseduta elenkat il-prinċipji applikabbli għall-artikolu 7 appena ċitat -

*"Illi l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi li:-*

*"No one shall be guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed."*

*Illi għalhekk jirriżulta li r-rikorrenti qed jinvokaw it-tnejn miż-żewġ prinċipji separati li insibu protetti f'dan l-artikolu li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala il-bażi tal-prinċipju dwar tar-Rule of Law u dawn jikkonsistu fis-segwenti:-*

*"1. A criminal conviction can only be based on a norm which existed at the time of the incriminating act or omission (nullum crimen sine lege) and*

*2. On account of the infringement of that norm no heavier penalty may be imposed than the one that was applicable at the time the offence was committed (nulla poena sine lege)". (**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights – van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak** – pagni 651/2).*

*Illi fis-sentenza "**Kafkaris vs Cyprus**" (ECtHR – 12 ta' Frar 2008 intqal hekk:-*

*"1. The guarantee enshrined in Article 7, which is an essential element of the rule of law, occupies a prominent place in the Convention system of protection, as is underlined by the fact that no derogation from it is possible under Article 15 of the Convention in time of war or other public emergency. It should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment*

[20] Rik 3/09

*(see **S.W. v. the United Kingdom** and **C.R. v. the United Kingdom**, 22 Novembru 1995, Series A no. 355-C, pp.41-42 para. 35, and pp.68 and 69 para. 33, respectively".*

*"2. Accordingly, it embodies in general terms, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege) (see **Kokkinakis v. Greece**, judgment of the 25 May 1993, Series A no. 260-A, p. 22, para. 52. While it prohibits in particular extending the scope of existing offences to acts which previously were not criminal offences, it also lays down the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused's detriment, for instance by anology (**Coeme and Others v. Belgium**, nos. 32492/96, 32547/96, 32548/96, 33209/96 and 33210/96, para. 145, ECHR 2000-VII; and Achour, cited above, para. 41".*

*Illi fil-kawża "**Il-Pulizija vs Lorraine Falzon**", il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (P.A. (GV) Riferenza Kostituzzjonali 12/2007 - 28 ta' Marzu, 2008) qalet li dan l-artikolu jipprovdi li:-*

*"(i) huwa projbit li persuna tiġi akkużata b'reat meta fil-mument meta hija kkommettiet l-att, dak l-att ma kienx jammonta għal reat , i.e. retroactive application of a criminal offence";*

*"(ii) persuna tista' titressaq biss ghal reat illi kien jammonta ghal tali meta gie kommess l-att";*

*"(iii) isegwi illi sabiex tkun tafjekk l-azzjoni hijiex wahda kriminali jew le, jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi dak ir-reat tkun accessibbli u cara, i.e. "legal certainty".*

Mis-suespost huwa għalhekk ċar li l-protezzjoni koperta b'dan l-artikolu tal-Konvenzjoni hija li –

1. M'hijiex permessa l-applikazzjoni retroattiva ta' reat kriminali u ċioe' persuna ma tistax tiġi akkużata b'reat li ma kienx meqjus bħala tali fil-mument li wettqet l-att; u

2. F'każ ta' sejbien ta' ħtija ma tistax tingħata piena aktar ħarxa minn dik li kienet fis-seħħ meta ġie mwettaq ir-reat.

Il-Qorti tqies li l-protezzjoni mogħtija minn dan l-artikolu lanqas biss tapplika għar-rikorrent għax kif ingħad, ma ttieħdu ebda proċeduri kriminali kontrih.

Ingħad hekk fil-każ **Joseph Lebrun vs Avukat Ġenerali deċiż fis-16 ta' Settembru 2014 -**

*"12. Minn din id-dispożizzjoni għandu jirriżulta ċar li sabiex tikkonfigura l-leżjoni hemm kontemplata jeħtieġ li jkun hemm sejbien ta' ħtija ta' reat kriminali. Dan huwa pre-rekwiżit essenzjali għall-eżami tal-punt jekk ġiex vjolat id-dritt fundamentali hemm protett. Din il-konsiderazzjoni tirriżulta ċara mid-dispożizzjoni de quo u tinsab sostnuta mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Hekk fil-każ* ***Mirchev and Others v. Bulgaria*** *dik il-Qorti osservat:*

*"The Court considers that the applicants cannot claim to have been "victims" within the meaning of article 34 of Convention under Article 7.1 of the Convention by the mere opening of criminal proceedings against them. The proceedings remained at the stage of the preliminary investigation and never resulted in actual convictions and punishment."*

*13. Fil-każ* ***Avukat Jose` Herrera nomine v. Avukat Ġenerali*** *, din il-Qorti, diversament komposta, esprimiet li hi tal-istess fehma u ċioe` li għall-*

*applikabbilita` tal-Artikolu 7.1 jeħtieġ li jkun hemm sejbien ta' ħtija. Hija iċċitat bran mill-ktieb Law of the European Convention on Human Rights li jgħid:*

*"The wording of Article 7.1 is limited to cases in which a person is ultimately 'held guilty' of a criminal offence [X v Netherlands, Appl.7512/76]. A prosecution that does not lead to a conviction, or has not yet done so, cannot raise an issue under Article 7"*

*14. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tistax taqbel mal-linja li ħadet l-ewwel Qorti meta kkonsidrat l-ilment tar-rikorrent fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula u l-konklużjoni raġġjunta mill-Qorti Ewropea fil-każ John Camilleri, għax f'dak il-każ ix-xenarju tal-fatti kien differenti fis-sens li l-każ kontra l-applikant kien diġa` defenittivament magħluq bis-sejbien ta' ħtija tiegħu filwaqt li fil-każ odjern il-proċeduri ghadhom pendenti u ghalhekk lArtikolu 7 huwa f'dan l-istadju inapplikabbli.*

*15. Inoltre, il-fatt li l-Qorti Ewropea ikkonsidrat li l-Artikolu 22(2) de quo jilledi l-Artikolu 7 ma jimmilitax fil-kaz odjern kontra l-konsiderazzjonijiet premessi, u ma jistax legalment ifisser li f'kull każ li jiġi applikat dak l-artikolu hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7, għax leżjoni ta' dan l-artikolu tista' sseħħ biss fil-konfront ta' persuna li nstabet ħatja ta' reat kriminali, filwaqt li meta l-proċeduri kriminali jkunu għadhom pendenti tibqa' l-possibbilita` li l-akkużat ma jinstabx ħati, jew li l-proċeduri kriminali ma jitkomplewx, u għalhekk żgur ma jkunx applikabbli l-Artikolu 7.*

*16. Għar-ragunijiet premessi din il-Qorti taqbel mal-ilment tal-Avukat Ġenerali li t-talba tar-rikorrent f'dan ir-rigward hija intempestiva stante li ma jissussistux il-presupposti fattwali li jagħtu lok għall-applikazzjoni tiegħu."*

Kwindi la l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni lanqas biss japplika f'każ ta' proċeduri kriminali pendenti stante l-possibilta' li l-akkużat ma jinstabx ħati, bil-wisq iżjed ma japplikax fil-każ tal-lum fejn ma hemm ebda proċeduri kriminali kontra r-rikorrent b'rabta mal-fattispeċje tal-każ odjern.

Finalment issir referenza għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ **Conrad Axisa vs Avukat Ġenerali et deċiż fis-7 t'Awissu 2013** fejn ġie ssottolineat li - *"Il-Qorti inoltre tirrepeti li l-kawżi kostituzzjonali ma humiex eżerċizzji akkademiċi sabiex fihom jiġi eżaminat xi punt legali fl-astratt u l-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha dwaru, iżda f'kawża kostituzzjonali, li bħall-kawża odjerna ma tkunx tinkwadra bħala actio popolaris, persuna interessata tilmenta minn fatti, li jridu jiġu pruvati, li permezz tagħhom allegatament ikun ġie miksur xi dritt fundamentali tagħha."*

Għalhekk f'dan l-istadju l-lanjanzi tar-rikorrent ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni ma jistgħux ħlief jitqiesu ipotetiċi u ntempestivi u kwindi ma hemm ebda bażi biex il-Qorti teżaminhom ulterjorment.

**Għalhekk ser jintlaqgħu it-tielet eċċezzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar u r-raba' eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali filwaqt li ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet tal-intimati fil-mertu marbuta mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni.**

**Ser jiġu miċħuda konsegwentement it-talbiet tar-rikorrent safejn jolqtu l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni.**

**MERTU**

Jifdal għalhekk li l-lanjanzi tar-rikorrent jiġu evalwati fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-propjeta'.

**Allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni**

**L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –

*"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tagħha.*

*Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku ġu bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma għandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex* ***jikkontrolla l-użu tal-proprjeta`*** *skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni."*.

Fl-analiżi tagħha fil-kuntest ta' dan l-artikolu l-Qorti trid tara jekk ġewx rispettati t-tlett prinċipji distinti tiegħu u ċioe' illi –

(a) il-miżura meħuda mill-Istat saret taħt qafas legali;

(b) l-iskop tal-miżura kien wieħed leġittimu; u

(ċ) il-miżura meħuda mill-Istat żammet bilanċ ġust u proporzjonat bejn l-għan pubbliku u l-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien tal-propjeta' in kwistjoni.

Fil-każ **AJD Tuna Limited vs Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali et deċiż fis-27 ta' Jannar 2022** ingħad hekk dwar dan l-artikolu -

*"Illi l-interpretazzjoni mogħtija b'mod kostanti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni hija li:*

*'Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct, in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among others, **James and Others vs The United Kingdom**, 21 February 1986, §37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in **Sporrong and Lönnroth vs Sweden**, 23 September 1982, §61, Series A no. 52; see also **Broniowski vs Poland** (GC), n0. 31443/96, §134, ECHR 2004-V). **Hutten-Czapska v. Poland**.)".*

Imbagħad fis-sentenza ta` **Amato Gauci vs Malta**[21] **deċiż fil-15 ta` Settembru 2009** il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk :-

[21] App.Numru 47045/06

*"56. Any interference with property must also satisfy the requirement of proportionality. As the Court has repeatedly stated, a fair balance must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual`s fundamental rights, the search for such a fair balance being inherent in the whole of the Convention. The requisite balance will not be struck where the person concerned bears an individual and excessive burden (see Sporrong and Lönnroth cited above, §§ 69-74, and Brumărescu v. Romania [GC], no. 28342/95, § 78, ECHR 1999-VII).*

*57. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 of Protocol No. 1 as a whole. In each case involving an alleged violation of that Article the Court must therefore ascertain whether by reason of the State`s interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden (see James and Others, cited above, § 50; Mellacher and Others, cited above, § 48, and Spadea and Scalabrino v. Italy, judgment of 28 September 1995, § 33, Series A no. 315-B).*

*58. In assessing compliance with Article 1 of Protocol No. 1, the Court must make an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are "practical and effective". It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of."*

Il-Qorti tissottolinea fl-ewwel lok li huwa paċifiku u kristalizzat fil-ġurisprudenza li l-Istat għandu d-dritt u l-obbligu li jippromulga l-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjeta' skont l-interess ġenerali. Infatti l-Istat għandu f'idejh diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieg fl-interess ġenerali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali. Madankollu, fit-tħaddim ta' din id-diskrezzjoni tiegħu huwa

għandu dejjem iżomm il-bilanċ u l-proporzjonalita' bejn il-varji drittijiet involuti u fin-nuqqas għandu jġorr ir-responsabbilta' għal tali żbilanċ.

Minn naħa waħda hemm l-għan tal-leġislatur li permezz tal-artikoli 52 u 56 tal-Kap 356 stabilixxa miżuri u penali sabiex jindirizzaw il-kwistjoni ta' żvilupp li jsir fuq proprjeta' mingħajr il-permess meħtieġ mill-liġi, liema għan huwa mħaddem bil-poter mogħti lill-Awtorita' ntimata. Bis-saħħa tal-poter mogħti lilha l-Awtorita' msemmija għandha d-dritt u d-dmir li tassigura li kwalunkwe żvilupp ikun sar skond il-pjanijiet u policies viġenti f'dak iż-żmien, b'dana li jekk jirriżulta xi żvilupp li m'huwiex konformi mal-liġi, l-istess Awtorita' għandha s-setgħa li toħroġ Avviż ta' Twettiq skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 52 u fin-nuqqas ta' konformita' mar-rekwiżiti u t-termini hemm stipulati jiskattaw il-penali ai termini tal-artikolu 56 tal-Att imsemmi.

Minn naħa l-oħra d-drittijiet vantati mir-rikorrent li jilmenta li b'riżultat tad-dispożizzjonijiet tal-liġi mpunjati huwa ser ikollu jsoffri l-konsegwenzi ta' Ordni ta' nfurzar ibbażata fuq aġir li kkommettew terzi persuni u kwindi l-liġi hija leżiva tad-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-propjeta' in kwistjoni. Huwa jargumenta wkoll li jekk l-effett tal-liġi huwa li biex jeżimi ruħu mir-responsabilta' irrid bilfors ineħħi l-illegalita' li ma għamilx huwa, allura jsoffri menomazzjoni fil-patrimonju tiegħu. Inoltre, l-fatt li hemm ordni ta' nfurzar fuq il-proprjeta' li minnha għandu sehem, iwassal għal żvalutar tal-istess proprjeta' u limitazzjonijiet oħra (eż ma jistax jagħmel applikazzjonijiet oħra mal-Awtorita' ntimata qabel ma jitneħħa dak l-ordni ta' nfurzar. Ukoll, peress li huwa ma jaħtix għall-illegalita', bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-liġi in kwistjoni se jsofri ndħil fil-propjeta' tiegħu b'detriment għall-użu l-valur tal-istess propjeta'.

Il-Qorti tibda billi tosserva li bħala fatt, filwaqt li r-rikorrent ripetutament jipprova jiddistakka ruħu mill-għemil tat-terzi li tefgħu il-materjal li dwaru inħareġ l-Avviż ta' Twettiq fuq l-art in kwistjoni, l-provi juru li kien proprju hu li inizjalment ta l-kunsens tiegħu biex jimtlew it-toqob/ħofor f'art xagħri. Dan huwa mhux biss ammess minnu fl-affidavit u l-kontro-eżami tiegħu fil-kawża odjerna iżda anke minn Gordon u Carmelo Micallef, li kienu talbuh tali permess kif jirriżulta mill-atti. Jirriżulta mill-atti li din l-art hija debitament skedata[22] u si tratta ta' area protetta għal skopijiet ekoloġiċi u l-*high landscape value* tagħha[23]. U allura bħala punt tat-tluq ir-rikorrent huwa tenut li kien jaf, jew li messu kien jaf li anke sabiex isir mili ta' ħofor/twittija ta' mogħdija f'dik iż-żona kif awtorizzata minnu lil ta' Micallef, xorta kien meħtieġ il-permess tal-iżvilupp mill-Awtorita' ntimata. Inulti llum jiprova jiskulpa ruħu u saħansitra jgħid li hu ma kien jaf b'xejn b'dak li kien qed jiġri dwar rimi ta' skart għax l-għelt bdieh hu u hu biss u ġab b'idejh il-konsegwenzi lmentati.

Magħmula din l-osservazzjoni, l-Qorti żżid li anke jekk kif irriżulta mill-provi, strettament ma kienx ir-rikorrent innifsu li awtorizza t-tkomplija ta' tfigħ ta' materjal minn Dimbros Ltd u Carmelo Dimech u anke jekk ma jidhirx li kien konsapevoli ta' dak li qed jiġri għax ma kienx qed jaċċedi fuq il-proprjeta' għal xi żmien, dan ma jesonerahx mir-responsabiltajiet tiegħu qua sid fir-rigward tal-art. Hija l-fehma tal-Qorti li ġjaladarba kien ir-rikorrent stess li ta lok għal sitwazzjoni fejn bl-awtorizzazzjoni tiegħu inbdew minn terzi xogħlijiet ta' mili ta' ħofor mingħajr il-permess meħtieġ tal-awtoritajiet - liema sitwazzjoni eventwalment sfuġġiet minn idejh għax ma żammx kontroll fuq dak li kompla jsir minn terzi oħra fuq l-art - ma jistax issa jipponta subgħajh lejn il-liġi u l-awtoritajiet kompetenti li qegħdin iduru fuqu biex jenforzaw Avviż intiż li tiġi

[22] Xhieda ta' Oliver Magro 23 ta' Mejju 2018
[23] Xhieda ta' Raymond Scicluna tal-24 ta' Mejju 2019

ripristinata l-art għall-istat oriġinali tagħha bi skuża li dawn qegħdin jiksrulu d-dritt tiegħu għat-tgawdija tal-proprjeta' tiegħu.

B'żieda ma' dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti tqis ukoll li l-għan tal-Kap 356 fl-assjem tiegħu huwa -

*"To make provision for the planning and management of development, for the establishment of an authority with powers to that effect and for matters connected therewith or ancillary thereto."*

U kif xehdu r-rappreżentanti tal-Awtorita' ntimata r-rwol tagħhom hu marbut mas-sit u mhux mal-individwu[24] -

*"Xhud: L-Awtorita' marbuta mas-sit mhux mal-individwi . Aħna jagħmel min jagħmel l-iżvilupp marbutin mas-site.*
*Qorti : Importanti li jitneħħa .*
*Xhud : Għalina dak l-importanti."*

Interpretati fil-kuntest ta' dawn l-għanijiet, il-Qorti tqis li kemm l-artikolu 52(5) u l-artikolu 56 (1) Kap 356 mhumhiex leżivi tad-drittijiet proprjetarji tar-rikorrent stante li jipprovdu għar-rwol regolatorju tal-Awtorita' ntimata fl-ambitu tal-protezzjoni tas-sit skedat u t-tneħħija ta' kull illegalita' fl-interess ġenerali. Dan irrispettivament minn materji ta' natura ċivili marbuta ma' min huwa s-sid, l-okkupant u min effettivament ikkaġuna l-illegalita'.

U allura l-għan kemm tal-liġi u anke tal-użu tad-diskrezzjoni mill-Awtorita' ntimata f'dan il-kuntest huwa wieħed leġittimu.

[24] Xhieda ta' Oliver Magro tat-23 ta' Mejju 2018

Jifdal għalhekk l-element tal-proporzjonalita' li l-Qorti tqis huwa wkoll sodisfatt. Kif anke speċifikat fl-artikolu 55A (4) tal-Kap 356, f'każ fejn l-Awtorita' ntimata, fl-eżerċizzju tar-rwol tagħha tfittex lis-sid għall-spejjeż inkorsi minnha, is-sid imbagħad xorta għandu d-dritt ta' rivalsa kontra kwalunkwe persuna oħra li hu jqis kienet responsabbli għal dak li ġara. Fil-każ odjern infatti dan id-dritt huwa disponibbli għar-rikorrent bħala sid u m'għandu ebda ostakolu fl-eżerċizzju ta' dan.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tqis li fil-każ odjern l-element ta' proporzjonalita` u bilanċ ta' drittijiet ġew rispettati u kwindi ma jirriżultax li hemm ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni.

It-talbiet tar-rikorrent marbuta ma' dan l-artikolu sejrin jiġu respinti filwaqt li ser jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet tal-intimati marbuta miegħu.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet fil-mertu marbuta mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu;**

**2. Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjonijiet fil-mertu marbuta mal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni filwaqt li tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha;**

**3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi;**

**4. Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**